



KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 1 ta' Ottubru 2012  
(OR. en)

13500/12

Fajl Interistituzzjonali:  
2012/0214 (NLE)

PECHE 324  
OC 472

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
tal-Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-  
Repubblika tal-Mawrizju  
**LINJI GWIDA KOMUNI**  
**Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 3.10.2012**

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL Nru .../2012/UE**

**ta'**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn  
l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni nnegozjat mar-Repubblika tal-Mawrizju Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd, li jagħti lill-bastimenti tal-UE opportunitajiet tas-sajd fl-ilmiċiet li fihom ir-Repubblika tal-Mawrizju teżerċita s-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħha.
- (2) Bħala riżultat ta' dawn in-negozjati, Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju ("il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd") ġie inizjalat fit-23 ta' Frar 2012.
- (3) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern ta' Mauritius dwar sajd fl-ibħra tal-Mauritius<sup>1</sup> għandu jiġi sostitwit mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd.
- (4) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 159, 10.6.1989, p. 2.

### *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu<sup>1\*</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

\* Nota lid-delegazzjonijiet: ara d-dokument st 13503/12.